31997L0039

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/39/KE

ta' l-24 ta' Ġunju 1997

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 75/443/KEE tas-26 Ġunju 1975 li tirrigwarda r-rivers u mat-tagħmir ta' l-ispeedometer ta' vetturi bil-mutur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE [1] ta' 6 Frar 1970 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 96/79/KEE [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u partikolarment l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 75/443/KEE tas-26 ta' Ġunju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u mat-tagħmir ta' l-*ispeedometer* ta' vetturi bil-mutur [3], u partikolarment l-Artikolu 6 tagħha,

Billi d-Direttiva 75/443/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE li ġiet stabbilita mid-Direttiva 70/156/KEE; billi, minħabba f'hekk, id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE li jikkonċernaw is-sistemi, komponenti, u *units* tekniċi separati ta' vetturi japplikaw għall-din id-Direttiva;

Billi, partikolarment, l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE jeħtieġu li kull Direttiva separata jkollha magħha dokument ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti relevanti ta' l-Anness I għal dik id-Direttiva u wkoll ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI tagħha sabiex dik l-approvazzjoni tat-tip tkun tista' tiġi kompjuteriżżata;

Billi huwa wkoll mixtieq illi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' din id-Direttiva jiġu allinejati ma' dawk tar-Regolament UN-KEE korrispondenti Nru 39;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Addattament għall-Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 75/443/KEE għandha tiġi emendata hekk:

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat biex jaqra fl-aħħar: '.... linji u ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u kull makkinarju mobbli.'.

2. L-Annessi għandhom jiġu emendati skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1997, l-Istati Membri ma jistgħux:

— jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura, li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew d-dħul fis-servizz ta' vetturi,

għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u t-tagħmir ta' l-*ispeedometer* jekk il-vetturi jkunu konformi mad-Direttiva 75/443/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Ottubru 1998, l-Istati Membri:

— ma' għandhomx aktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali

għal tip ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u t-tagħmir ta' l-*ispeedometer* jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 75/443/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, ma jiġux sodisfatti.

Artikolu 3

1.L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Ottubru 1997. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

[1] ĠU Nru L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
[2] ĠU Nru L 18, tal-21.1.1997, p. 7.
[3] ĠU Nru L 196, tal-26.7.1975, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, l-24 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kummissjoni
Martin BANGEMANN
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

— Lista ta' l-Annessi għandha tiddaħħal wara l-Artikoli biex taqra:

'LISTA TA'L-ANNESSI

L-ANNESS I: Rivers

L-ANNESS II: Tagħmir ta' l-*ispeedometer*.
Appendiċi 1: Dokument ta' Informazzjoni.
Appendiċi 2: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip'

— Emendi lill-Anness II:

— Il-punt 3 għandu jiġi sostitwit bis-segwenti punt 3:

"3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' TIP TA' VETTURA

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura għal dak li għandu x'jaqsam mar-rivers u t-tagħmir ta' l-*ispeedometer* tagħha għandha ssir mill-manifattur

3.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 1.

3.3. Dan li ġej għandu jkun mogħti lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettieq tat-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:

3.3.1. Vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat."

— Il-punti 4.2.1 u 4.2.2 għandhom jiġu emendati biex jaqraw:

"4.2.1. Il-gradwazzjonjijiet għandhom ikunu ta' 1, 2, 5 jew 10km/siegħa. Il-valur tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq l-arloġġ kif imiss:

4.2.1.1 Meta l-ogħla valur fuq l-arloġġ ma jaqbiż il-200km/siegħa, il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati f'intervalli li ma għandhomx jeċċedu l-20km/siegħa;

4.2.1.2 Meta l-ogħla numru fuq l-arloġġ jeċċedi l-200km/siegħa, il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati f'intervalli li ma jeċċedux it-30km/siegħa;

4.2.2. F'każ ta' *speedometer* li jkun ġie manifatturat għall-bejgħ fi kwalunkwe Stat Membru li uża l-unitajiet imperjali ta' miżura, u fejn l-arranġamenti transitorji skond l-Artikolu 5 huma fis-seħħ, l-*ispeedometer* għandu jkollu marka wkoll f' *mph* (mili fis-siegħa); il-gradwazzjonijiet għandhom ikunu ta' 1, 2, 5 jew 10 mph. Il-valuri tal-veloċita għandhom ikunu indikati fuq l-arloġġ f'intervalli li ma jeċċedux l-20mph.

4.2.3. L-intervalli tal-valur tal-veloċità indikat m'għandux ikun uniformi."

— Tlett punti ġodda 5-7 għandhom jiddaħħlu biex jaqraw:

"5. GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' TIP TA' VETTURA

5.1. Jekk il-ħtiġiet relevanti jiġu sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

5.2. Il-mudell għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE qiegħed jingħata f'Appendiċi 2:

5.3. In-numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII għad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun assenjat għal kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m' għandhux jassenja l-istess numru lill-tip ieħor ta' vettura.

6. MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

6.1 F'każ ta' modifikazzjonijiet tat-tip approvat skond din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE

7. KONFORMITÀ TA' PRODUZZJONI

7.1. Bħala regola ġenerali, għandhom jittieħdu miżuri li jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni skond id-disposizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 10 ta' Direttiva 70/156/KEE."

— Iż-żewġ Appendiċi ġodda 1 u 2 li ġejjin għandhom jidaħħlu:

"Appendiċi 1

Dokument ta' Informazzjoni Nru... (*)

(skond l-Anness I ta' Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE)
dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura f'dak li għandhom x'jaqsmu r-rivers u t-tagħmir ta' l-ispeedometer (*)

(Direttiva 75/443/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinnji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1 Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2 Tip u deskrizzjoni (ijiet) kummerċjali ġenerali: .....

0.3 Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura (b): .....

0.3.1 Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4 Kategorija tal-vettura (ċ): .....

0.5 L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0.8 Indirizz (i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assembleaġġ: .....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1 Ritratti u/jew disinnji ta' vettura rappreżentattiva: .....

2. MASSES U DIMENSJONIJIET (e) (f'kg u mm)

(Rrefferi għad-disinn fejn applikabbli)

2.6 Il-massa tal-vettura bil-karozzerija kollu u bil-mezz tal-*coupling*, f'każ ta' vettura ta' l-irmonk ta' kategorija li mhijiex M_1 f'kundizzjoni ta' sewqan, jew massa tax-*chassis* bil-kabina jekk il-manifattur ma jwaħħalx il-karozzerija u/jew il-mezz tal-*coupling* (inklużi likwidu għat-tkessiħ, żjut, karburanti, 100 % likwidu ieħor barra ilmijiet użati, għodda, r-rota *spare* u s-sewwieq u, għal karrozzi tal-linja u xarabankijiet, il-massa tal-membru ta' l-ekwipaġġ (75kg) jekk hemm sedil għall-ekwipaġġ fil-vettura) (o) (max. u min. għal kull varjant): .....

2.6.1 Id-distribuzzjoni ta' din il-massa fost il-fusijiet, u fil-każ ta' semi-karru jew karru bil-fus fiċ-ċentru, it-tagħbija fuq il-punt tal-*coupling* (mass. u min.): .....

(*) In-numri tal-punti u n-noti ta' qiegħ il-paġna użati f'dan id-Dokument ta' Informazzjoni jikkorrispondu għal dawk li jinstabu fl-Anness I għad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhux relevanti għall iskop ta' din id-Direttiva huma mhollija barra.

4. IT-TRASMISSJONI (V)

4.2 Tip (mekkanika, idrawlika, elettrika, eċċ.): .....

4.5 *Gearbox*: .....

4.5.3 Il-Metodu tal-kontrol: .....

4.6 Ratios tal-gerijiet: .....

Gear	Relazzjonijiet tal-*gearbox* interni (relazzjonijiet tal-makna għar-revoluzzjonijiet tax-xaft ta' l-*output* tal-*gearbox*)	Relazzjoni(jiet) tad-*drive* finali (relazzjonijiet tax-xaft ta' l-*output* tal-*gearbox* għar-revoluzzjonijiet tar-rota misjuqa	Relazzjonijiet totali tal-gear
Massimu għat-CVT (*)			
1			
2			
3			
…			
Minimu għat-CVT(*)			
Rivers			
(*) Trasmissjoni Kontinwament Varjabbli			

4.7 Veloċita massima tal-vettura (f'km/siegħa) (w): .....

4.8 *Speedometer* (f'każ ta' takografu agħti l-marka ta' l-approvazzjoni biss):

4.8.1 Il-Metodu ta' l-operazzjoni u deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tas-sewqan: .....

4.8.2 Il-kostanti ta' l-istrument: .....

4.8.3 Tolleranza tal-mekkaniżmu li jkejjel (skond il-punt 2.1.3 ta' l-Anness II għad-Direttiva 75/443/KEE): .....

4.8.4 Relazzjoni globali tat-trasmissjoni (skond il-punt 2.1.2 ta' l-Anness II għad-Direttiva 75/443/KEE) jew tagħrif ekwivalenti: .....

4.8.5 Dijagram ta' l-iskala ta' l-*ispeedometer* jew forom oħra ta' viżwalizzazzjoni: .....

6. SOSPENSJONI

6.6. *T-tyres* u r-roti:

6.6.2 Il-limiti ta' fuq u isfel ta' *'rolling radii'*

6.6.2.1 Fus 1: .....

6.6.2.2 Fus 2: .....

6.6.2.3 Fus 3: .....

6.6.2.4 Fus 4: .....

6.6.3 Pressjoni tat- *tyres* kif rakkomandat mill-manifattur tal-vettura: ..... kPa

Data, numru tal-file

Appendiċi 2

MUDELL

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

It-Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tirrigwarda:

— l-approvazzjoni tat-tip (1)

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

ta' tip ta' vetura/komponent/unità teknika separata (1) għal dak li għandu x'jaqsam mad-Direttiva 75/443/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

Ir-raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA I

0.1. Għamla (isem kummerċjali): .....

0.2. Tip u d-deskrizzjoni (ijiet) kummerċjali ġenerali: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (1) (1): .....

.....

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Kategorija tal-vettura (2) (3): .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

0.7.. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.: .....

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabli): Ara Addendum

2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettieq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-riżultat tat-test: .....

5. Kummenti (jekk hemm): Ara Addendum:

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

---

(1) Hassar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: '?' (e.ż. ABC??123??).

(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru...

li jikkonċerna l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skond id-Direttiva 75/443/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE

1. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

1.1. Speedometer

1.1.1. Mezz ta' identifikazzjoni, jekk hemm, u lok tagħhom:.....

5. KUMMENTI

(eż. validu kemm għall-vetturi li jinsaqu min-naħa tax-xellug kif ukoll dawk li jinsaqu min-naħa tal-lemin)